KUNSILL LOKALI L-IMSIDA

Rapport Annwali Amministrattiv

Jannar 2012 – Diċembru 2012

Il-Werrej

| | |
|---|---|
| L-Introduzzjoni tas-Sindku | 2 |
| Il-Kunsill | 3 |
| Korrispondenza | 5 |
| Ħidma tal-Kunsill | 7 |
| Għeluq | 14 |

## *1.0 - L-introduzzjoni tas-Sindku*

Dan ir-rapport ġie kkumpilat bl-akbar reqqa għax bħala Kunsill nemnu illi huwa obbligu tagħna illi nagħtu rendikont tal-ħidma kollha tagħna, u dana sabiex intom ir-residenti tkunu tistgħu tiġġudikawna.

Barra x-xogħol li normalment jiġi assoċjat ma' kull Kunsill Lokali hemm ħafna aktar xogħol li ma jidhirx, xogħol li jsir ta' kuljum u jinvolvi ko-ordinazzjoni enormi. Għalhekk nemmen illi l-ħidma ta' dan il-Kunsill kienet waħda ta' suċċess.

Mill-banda l-oħra huwa minnhu li għad hemm xi jsir sabiex l-Imsida tieħu l-wiċċ li verament ħaqqa u biex il-Misidjani jgħixu fl-ambjent li jistħoqqilhom. Dan isir biss bil-ħidma tal-Kunsill Lokali u bl-għajnuna u bil-koperazzjoni tar-residenti kollha ta' L-Imsida.

Għalhekk nirringrazzja lil sħabi fil-Kunsill preċedenti, immexxijin minn Dott Clifton Grima, tax-xogħol li dejjem twettaq minnhom b'serjeta', honesta' u imħabba lejn il-lokal tagħna. Nixtieq nirringrazzja b'mod speċjail lis-Sur Emanuel Abela u lid-Dott Carmelo Grima li taw semmhom mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali b'risq L-Imsida, anke b'sagrifiċċju personali għalihom. Nawgura ukoll l-istess ħidma lill-Kunsilliera ġodda u inħeġġeġ lil kulħadd biex naħdmu flimkien għal ġid ta' l-Imsida.

Margaret Baldacchino Cefai
Sindku

## *2.0 - Il-Kunsill*

### 2.1 Kunsilliera u Karigi

Il-Kunsill hu kompost minn seba' Kunsillieri, inkluż is-Sindku u Viċi-Sindku. Kull wieħed għandu r-responsabbilita' ta' kumitat u/jew sotto kumitat. L-amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabilitajiet mogħtija lilhu bl-Att XV ta' l-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, hi mmexxija mis-Segretarju Eżekuttiv li għandu erbgħa uffiċċjali jassistuh minbarra numru ieħor ta' esperti bħal perit, quantity surveyor u avukat fost l-oħrajn. Il-funzjoni tal-kumitati u s-sotto kumitati hi li jipproponu u jassistu lill-Kunsill fil-pjanijiet tiegħu sabiex iwettaq ir-responsabbilitajiet fdati lill-Kunsill, bħala l-gvern lokali ta' l-Imsida.

Il-karigi tal-Kunsillieri u l-impjegati tal-Kunsill huma s-segwenti:

Sindku Dott. Clifton Grima: Finanzi, Offerti Pubblici, Proġetti u Fondi EU, Zagħzagħ, Sport, Bord Editorjali,

Vici-Sindku Margaret Baldacchino Cefai: Edukazzjoni, Kultura, Komunita Flimkien, *Coordination Unit,* Rapreżentanta Kumitat Reġjun Centrali, Rapreżentanta Kumitat Amministrattiv Swatar.

Kunsillier Emanuel Abela: Anzjani

Kunsillier Emanuel Brincat: MEPA, Infrastruttura, Traffic Management

Kunsillier Dr. Carmelo Grima: Indafa

Kunsillier Charles Selvaggi: Ambjent u Ġonna Publiċi

Kunsillier Matthew Agius: Relazjonijiet Intergovernattivi

**Is-Segretarju Eżekuttiv Matthew Dimech**: Kap Eżekuttuv, Amministrattiv u Finanzjarju sa' Awwissu 2012.
**L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Arthur Perici:** Kap Eżekuttuv, Amministrattiv u Finanzjarju minn Awwissu 2012

**Is-Sinjura Rachel Aquilina**: Sezzjoni Finanzi (Kontijiet u Pagamenti)
**Is-Sinjura Sonia Vassallo**: Sezzjoni Finanzi (Dħul u Permessi)
**Is-Sna Mirane Camilleri**: Sezzjoni Finanzi (Kontijiet u Amministrazzjoni)
**Is-Sna Marisa Xerri Demanuele**: Sezzjoni *'Customer Care'*

## 2.2 Attendenza fil-Laqgħat

Bejn l-1 ta' Jannar 2012 u l-31 ta' Dicembru, 2012 inżammu tlettax-il laqgħa tal-Kunsill. L-attendenza mill-Kunsilliera kienet tajba ħafna.

| | Preżenti | Skużat/a | Assenti |
|---|---|---|---|
| Is-Sindku Clifton Grima | 12 | 1 | 0 |
| Il-Vici Sindku Margaret Baldacchino | 13 | 0 | 0 |
| Il-Kunsillier Emanuel Abela | 13 | 0 | 0 |
| Il-Kunsillier Emanuel Brincat | 12 | 0 | 1 |
| Il-Kunsillier Dr. Carmelo Grima | 12 | 1 | 0 |
| Il-Kunsillier Charles Selvaggi | 13 | 0 | 0 |
| Il-Kunsillier Matthew Agius | 13 | 0 | 0 |

## *3.0 - Korrispondenza*

Matul dan l-aħħar xhur kompliet tingħata attenzjoni lejn il-kwalita' ta' servizz li jingħata mill-*front office*. Sabiex il-klijenti tagħna jkollhom feedback fl-iqsar żmien possibbli, kull korrispondenza tiġi rreġistrata u tgħaddi għand is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv għall-attenzjoni tagħhom. Apparti minn hekk, l-ilmenti jiġu sseparati bejn: dawk li jistgħu jingħataw attenzjoni immedjata, oħrajn li għandhom jingħataw attenzjoni minn Kunsillier responsabbli u lmenti oħra li jkollhom jitressqu quddiem il-laqgħa tal-Kunsill, sabiex fuqhom tittieħed decizjoni kollettiva dwar kif għandha tiġi rrimedjata l-problema. L-ammont ta' korrispondenza kienet imqassma hekk:

| Xahar | Ammont ta' Korrispondenza Jannar – Dicembru 2012 |
|---|---|
| **Jannar** | 84 |
| **Frar** | 109 |
| **Marzu** | 111 |
| **April** | 88 |
| **Mejju** | 116 |
| **Gunju** | 186 |
| **Lulju** | 118 |
| **Awissu** | 114 |
| **Settembru** | 57 |
| **Ottubru** | 84 |
| **Novembru** | 53 |
| **Dicembru** | 35 |

Minn dawn il-figuri jirriżulta li l-medja ta' korrispondenza fix-xahar kienet dik ta' 96. Is-sistema li jħaddan il-Kunsill preżentament biex jirraporta l-ilmenti riċevuti, liema ilmenti ma jaqawx taħt ir-responsabilta tiegħu, hija billi jirraporta dawn permezz tal-*Customer Care System.*

Ilmenti bħal *refreshing* ta' sinjali tat-traffiku, bdil ta' lampi fit-toroq, ġbir ta' skart u oħrajn li jaqaw taħt ir-responsabilta diretta tal-Kunsill jiġu solvuti immedjatament billi jsir kuntatt mal-kuntrattur mis-Segretarju Eżekuttiv.

Fuq analizi preliminari, l-ilmenti li tressqu lill-Kunsill Lokali, u li għal xi raġuni jew oħra kien hemm problemi biex jiġu solvuti jinkludu fost l-oħrajn:

- *Towing* ta' Karozzi abbandunati mill-Pulizija
- Ħrug ta' skart domestiku wara il-hin tal-ġbir

Dawn jinkludu ukoll servizzi li ma jaqgħux taħt il-kompetenza tal-Kunsill.

## *4.0 - Ħidma tal-Kunsill*

### 4.1 Ħidma *sub-contracted* lill-kuntratturi tal-Kunsill

4.1.1 – Ġbir ta' skart goff

Il-kuntrattur tal-Kunsill, is-Sur Alfred Galea, jagħti servizz ta' darbtejn fil-ġimgħa sabiex jinġabar dak l-iskart goff li ma jkunx jista' jinġabar mill-kuntrattur tad-*Domestic Refuse*. Ir-residenti jċemplu lill-Kunsill biex jgħamlu użu minn dan is-servizz li jingħata b'xejn. Kull tlett oġġetti li jinġabru jiswew lill-Kunsill €5.50. Sa l-aħħar ta' Diċembru 2012 il-kuntrattur żar 2391 residenzi biex jiġbor skart goff. F'din is-sena finanzjarja, dan is-servizz ħa jkun sewa lill-Kunsill madwar €12,000. L-ammonti ta' skart li nġabar kull xahar jidru hawn taħt:

| Xahar | Ammont ta' Ġbir ta' Skart Goff mir-Residenzi fl-Imsida |
|---|---|
| Jannar | 155 |
| Frar | 115 |
| Marzu | 189 |
| April | 288 |
| Mejju | 211 |
| Gunju | 133 |
| Lulju | 229 |
| Awissu | 208 |
| Settembru | 216 |
| Ottubru | 267 |
| Novembru | 226 |
| Dicembru | 154 |

4.1.2 – Tindif u Manutenzjoni tal-Latrini Pubblici

Il-kuntrattur tal-Kunsill, is-Sur Alfred Cutajar, jagħti servizz ta' tindif tal-latrini pubbliċi tliet darbiet kuljum. Huwa ukoll inkarigat li jieħu ħsieb li dawn il-latrini jkunu miftuħin għall-pubbliku bejn is-sebgħa ta' filgħodu u t-tmienja ta' filgħaxija fix-xitwa, u mis-sebgħa sal-ħdax ta' filgħaxija fis-sajf. Dan is-servizz f'sena jiswa lill-Kunsill €9000.

4.1.3. – Knis

Il-Kuntrattur tal-Kunsill, is-Sur Steve Rennie Farrugia, jagħti servizz ta' knis tat-toroq sitt ijiem fil-ġimgħa. Hemm toroq li jinkinsu kuljum, oħrajn li jinkinsu darbtejn fil-ġimgħa. Dan is-servizz jiswa lil Kunsill f'sena finanzjarja waħda €44,000.

4.1.4 – Ġbir ta' skart domestiku bieb bieb

Il-Kunsill joffri servizz ta' ġbir ta' skart domestiku bieb bieb sitt ijiem fil-ġimgħa permezz tal-kuntrattur, is-Sur Steve Rennie Farrugia. Il-ġbir ta' skart jibda fit-8.00am. F'sena dan is-servizz sewa lill-Kunsill madwar €66,000. Il-kumment ġenerali dwar dan is-servizz huwa li l-kollettur jgħamel xogħlu sew, iżda ammont ta' residenti joħorġu l-iskart wara l-ħin tal-ġbir, jew inkella joħorġu skart meta tkun ġurnata li suppost jinġabar materjal ta' riċiklaġġ. Din hija problema illi aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar qegħda tikber u għalhekk il-Kunsill huwa għaddej b'diskussjonijiet biex jimplementa programm edukattiv, flimkien ma' miżuri ta' infurzar biex din il-problema tiġl solvuta.

Infakkru li fil-Lokalita' ta' L-Imsida, l-iskart jinġabar kif ġej:

It-Tnejn, l-Erbgħa, l-Ħamis u s-Sibt – Boroż suwed

It-Tlieta u l-Ġimgħa – Boroż Griżi

4.1.5 – Road Patching & Ancillary Works

Il-Kunsill għamel ukoll xogħlijiet ta' *road construction* permezz tal-kuntrattur Road Servicing Ltd. u *patching* bil-ħaddiema tal-IPSL. Sar ammont ta' *patching* permezz ta' *cold asphalt* f'diversi inħawi madwar l-Imsida fuq bażi regolari, speċjalment fil-jiem xitwin.

Inbnew ukoll, kompletament mill-ġdid Triq il-Punent u parti minn Triq Victor Denaro. Dwar Triq Victor Denaro, liema xoghol inkluda bini mil-gdid tal-bankini, tqeghid ta' main gdid tal-ilma, u 'patching' estensiv ta' partijiet tat-triq, ix-xoghol ta' 'patching' ma kienx sodisfaċenti, u għaldaqstant, il-kuntrattur ġie ordnat biex jerġa jgħamel it-triq mill-ġdid.

4.1.6 – Sinjali u marki tat-Toroq

Fejn sinjali tat-toroq ikollom jerġgħu jinżebgħu, l-Kunsill jagħmel użu mill-ħaddiema tal-IPSL. Dawn jintbgħatu jgħamlu xogħol ta' din l-għamla kull meta jidħol lment jew meta ikun wasal iż-żmien li inħawi sħaħ f' L-Imsida jerġgħu jinżebgħu. Fejn ikun hemm bżonn ta' sinjali u tabelli ġodda, l-Kunsill jgħamel użu mis-servizz tal-kuntrattur 'KOPTASIN', fejn sa Dicembru 2012 dan is-servizz sewa lill-Kunsill madwar €7500.

4.1.7 – Manutenzjoni tal-Ġonna Pubbliċi

It-tindif ta' ġonna pubblici huwa ikkuntrattjat mal-*Environmental Landscapes Consortium*. Dan il-kuntratt jiswa lill-Kunsill madwar €19,000 fis-sena. Il-kuntratt jinkludi tħawwil ta' siġar u pjanti tal-istaġun madwar l-Imsida, kif ukoll is-servizz ta' ġardinar u *cleaner* għal ġonna kuljum, inkluż is-Sibt.

## 4.2 Xogħlijiet mill-Ħaddiema ta' l-IPSL

Il-Kunsill għandu żewġ ħaddiema mislufa lilu mill-kumpanija IPSL li jagħmlu xogħlijiet varji ta' manutenzjoni madwar l-Imsida kuljum, kif ukoll

jindirizzaw l-ilmenti li jaslu għand il-Kunsill. Billi jagħmel użu minn dawn il-ħaddiema, l-Kunsill mhux biss jiffranka l-ispejjeż (peress li dawn huma mħallsa mill-kumpanija tagħhom stess u mhux mill-Kunsill), iżda jevita ukoll ħafna burokrazija biex jiġi ordnat ix-xogħol, biex b'hekk, xogħol ta' manutenzjoni ikun jista' jsir malajr.

**4.3 Skema ta' Xogħol fil-Kommunita'**

Fl-aħħar ta' din is-sena żdiedu erbgħa ħaddiema oħra mal-Kunsill fuq Skema imnegħdija miċ-Ċentru tax-Xogħol u Taħriġ (ETC). Dawn il-ħaddiema jgħinu lil dawk ta' l-IPSL fix-xogħol tagħhom fil-lokalita' u anke jgħinu fil-bżonnijiet amministrattivi ta' kuljum.

**4.4 Traffic Management**

Matul l-2012 sar studju fuq it-traffic management fit-toroq tas-Swatar u saru xi tibdiliet biex it-traffiku jimxi aħjar, u ma jkunx hemm konġestjoni f'dawn l-inħawi.

**4.5 Skema dwar Titjib tal-Kwalita' ta' l-Arja fl-Imsida**

Fl-aħħar ta' din is-sena bdew diskussjonijiet mad-Direttriċi fl-'Institute tas-Sustainable Development' u anke mal-Kap tad-Dipartiment tal-Kimika fl-Universita' ta' Malta biex, flimkien mal-Universita' l-Kunsill jnegħdi skema biex studenti ta' livell 'post graduate' ma' l-Universita' jkunu jistgħu jagħmlu studju fuq kif jista titjieb it-Traffic Management fl-Imsida biex titjieb il-kwalita' ta' l-arja.

**4.6 Infurzar tal-Liġi**

Fl-infurzar tal-liġi fil-lokal il-Kunsill Lokali jagħmel użu kemm mis-servizz tal-Gwardjani Lokali u kemm mill-Pulizija. Is-servizz tal-gwardjan lokali izda, b'riforma li saret mill-Ministeru matul is-sena 2011, gie delegat lir-Reġjun Centrali.

Din is-sena ħarġu 5312 taħrika fuq l-Imsida, filwaqt li ħlasijiet fuq taħrikiet kemm ta' din is-sena, u kemm oħrajn pendenti minn snin ta' qabel kienu ta' €118,188, madanakollu l-maġġur parti ta' dawn il-ħlasijiet marru għand ir-Reġjun Ċentrali. Minkejja dan l-ammont konsiderevoli ta' ħlasijiet, xorta waħda d-debituri f'dan is-settur huma ta' madwar €313,593. Din is-sistema, din is-sena (sa Dicembru 2012) swiet lill-Kunsill madwar €1,000. Dan minħabba li dan is-servizz issa beda jiġi amministrat mir-Reġjun Ċentrali.

4.6.1 – <u>Ħruġ ta' Permessi</u>

Il-Kunsill joħroġ permessi li jingħataw għal diversi xogħlijiet. Matul din is-sena (sa Diċembru 2012) l-permessi maħruġa mill-Kunsill kienu jammontaw għal:

| | |
|---|---|
| Skips | €467.98 |
| Trenching | €48.93 |
| Cranes | €5,328.20 |
| Tables | €323.56 |
| Kiosk | €861.73 |
| Material tal-bini | €4.66 |
| Attivitajiet Soċjali | €768.88 |
| **Totali** | **€7803.94** |

### 4.7 Kumitat Amministrattiv Swatar

Il-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar jieħu ħsieb jamministra ż-żona tas-Swatar fl-Imsida u f'Birkirkara. Dan il-Kumitat huwa magħmul minn ħames persuni, u ċ-Chairperson hija s-Sna Mary Rose Mifsud. Saru diversi xogħlijiet f'din iż-żona li jinkludu t-Traffic Management, imsemmi aktar il-fuq, u upgrading tal-ground tal-futbol ħdejn il-Bandli. Sfortunatament, qed ikollna każijiet ta' vandaliżmu fil-

Bandli, u b'hekk qed isiru aktar spejjeż biex isiru t-tiswijiet. L-ispejjeż tax-xogħol li jsir ġos-Swatar L-Imsida, jiġu approvati u maħruġa mill-allokazzjoni mogħtija lill-Kunsill ta' L-Imsida.

### 4.8 Proġetti

4.8.1 – Sar upgrading tal-ġnien ta' biswit il-Klabb tal-Boċċi

4.8.2 – Bankina ġdida Triq il-Kunċizzjoni mill-kantuniera ta' Triq Mikiel Anton Vassalli sa' Rue D'Argens (quddiem il-Każin tal-Banda)

4.8.3 – Xogħol ta' ippjanar fuq Gnien Ellul Mercer u anke ħarġu s-sejħiet għall-offerti relatati ma' l-ewwel fażi ta' dan ix-xogħol.

### 4.9 Attivitajiet Soċjali u Edukattivi

L-impenn soċjali u edukattiv tal-Kunsill Lokali kompla din is-sena ukoll. Fost l-attiviatjiet li saru kien hemm is-segwenti:

- Centru ta' matul il-Jum għall-Anzjani li jiftaħ darbtejn fil-ġimgħa (l-Erbgħa u l-Ġimgħa) u anke jiġu organizzati diversi attivitajjiet mill-istess Centru
- ħarġiet ta' kull xahar għall-anzjani, fosthom Mawra għal Għawdex
- korsijiet tal-IT ghall-adulti u ghat-tfal u korsijiet ta' crafts għat-tfal u il-kors 'Summer Filler'
- Taħditiet għall-pubbliku (10 sessjonijiet) fuq is-Saħħa
- It-Tilqima ta' l-Influenza lir-Residenti Misidjani li għandhom il-fuq minn 55 sena
- Jum il-Librerija fil-5 ta' Diċembru li kienet attivita' ta' qari u 'crafts' fil-Librerija
- Fis-16 ta' Diċembru sar Kunċert fil-Knisja Parrokjali ta' San Ġużepp – Ilħna tal-Milied
- Attivita' għal persuni b'disabilita'
- Żdiedu l-Kotba fil-Librerija u anke żdiedu n-nies li jiffrekwentaw il-Librerija (2011 ħarġu 6927, 2012 ġew misluf 9620, żieda ta' 2693)

- Diversi attivitajjiet organizzatti ma' l-għaqdiet ta' L-Imsida, fosthom L-Għaqda tal-Ġostra, L-Għaqda Mużikali Banda Melita, St Joseph Nursery, u l-Mużew Subien.
- Laqgħat mar-Residenti f'Marzu u April
- Formazzjoni tal-Kunsill taż-Żagħżagħ
- Ġimgħa Misidjana fil-jiem ta' qabel il-festa li inkludiet:
    - Ħarġa ġħall-anzjani
    - Ħarġa għat-tfal
    - Premju Ġieħ L-Imsida 2012
    - Dramm
    - Esebizzjoni ta' pittura u ritratti

## *5.0 - Għeluq*

5.1 – Kunsill Gdid

Wara l-elezzjonijiet tal-Kunsill f'Marzu tal-2013 ġie maħtur Kunsill ġdid li beda jopera mill-1 ta' April 2013. Dan il-Kunsill huwa mmexxi mis-Sna Margaret Baldacchino Cefai, bħala Sindku u d-Dott Alex Sciberras bħal Viċi Sindku. L-ammont ta' kunsielliera telgħa minn 7 għal 9 u nħatret ukoll Segretarju Eżekuttiv ġdida. Il-Membri tal-Kunsill il-ġdid huma:

Margaret Baldacchino Cefai, Sindku
Dott Alex Sciberras, Viċi Sindku
Alan Abela-Wadge, Kunsillier
Matthew Agius, Kunsillier
Maurice Agius, Kunsillier
Lino Bartolo, Kunsillier
Emanuel Brincat, Kunsillier
Romina Galea, Kunsillier
Charles Selvaggi, Kunsillier
Marita Portelli, Segretarju Ezekuttiv

5.2 – *Xogħol ippjanat għal-Matul l-2013*

Il-Kunsill fix-xhur li ġejjin ser ikun qed ifassal pjan ta' ħidma għal matul il-leġislatura li jmiss, u dan wara li jkun semgħa s-suġġerimenti tar-residenti. Madanakollu l-Kunsill iħoss li hemm oqsma li għandhom bżonn attenzjoni immedjata u dawn huma:

**Skema tal-ipparkjar residenzjali:** Għalkemm dawn l-iskemi huma '*on hold*' l-Kunsill għandu l-ħsieb li jkompli l-proċess biex tiġi implementata din l-iskema fl-Imsida kif ir-regolamenti jiġu amendati.

**Indafa Pubblika:** Qed jintbagħtu Wardens u Pulizija pajżana biex isir enforzar fuq ħruġ ta' boroż tal-iskart fil-ġranet u l-ħinijet stipulati mill-Kunsill.